# Bla Tama

Ħabib, ej niġru t-tnejn f'widien mudlama,
Fi ljieli koroh, qalb l-uħux waħxija,
Ħa ngħannu l-għanja kiebja ta' bla tama,
Li taf tgħanniha biss il-qlub minsija.

Għax ħutna niżżlu fuqna t-tnejn l-irħama
Kiesħa tal-qabar, għalqu t-trieq dawlija
Li kienet ser twassalna f'dar il-fama,
U qagħdu jidħku lkoll b'din il-kefrija.

X'fadlilna nagħmlu ħlief li ninżlu t-taraġ
Ta' Wied il-Mewt, u bħal erwieħ maħqura,
Nibku xortina bla ma nġarrbu faraġ?

Hemm neżlin sħabna.... rashom baxxa, mriegħda,
Ej nimxu magħhom, biex fid-dlam mostura,
Ngħannu għal dejjem l-innu tal-mibegħda.

ĠORĠ PISANI